MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 592/2001/1

**Carmel sive Charlie Grima, Pauline Grima, Sharon Scuderi u Clyde Grima**

**Vs**

**Carmelo Penza f'ismu proprja u ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Penza Construction Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi fil-15 ta' Marzu 1999, f'Ta Qali, waqt li Kevin Grima mpjegat ta' Penza Construction Limited kien, b'inkarigu ta'

l-istess socjeta' Penza Construction Limited jimmanuvra wahdu vettura tax-xoghol proprjeta' tal-konvenuti;

U premess illi l-istess vettura li kien qieghed jimmanuvra Kevin Grima inqalbet u bir-rizultat l-istess Kevin Grima tilef hajtu;

U premess illi l-atturi huma l-eredi ta' l-istess Kevin Grima li miet ab intestato;

U premess illi dan l-incident fatali gara minhabba t-tort u jew negligenza u jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-konvenut kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U premess illi l-konvenuti gew interpellati biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-atturi izda baqghu nadempjenti;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti bhala responsabbli ghal-mewt ta' Kevin Grima;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba l-mewt ta' l-imsemmi Kevin Grima u dan jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Carmelo Penza proprio et nomine** a fol. 7 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi, in linea preliminari, Carmelo Penza f'ismu propju ma huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talbiet attrici, u

ghalhekk jitlob illi jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju f'din l-istanza, stante illi l-istess Carmelo Penza qatt ma kellu relazzjoni guridika, sew jekk legali u sew jekk kuntrattwali, mal-atturi ossija mad-*decujus* – kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza;

2. Illi, in linea preliminari wkoll, izda minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici, in kwantu huma diretti fil-konfront ta' Carmelo Penza personalment, huma f'kull kaz preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet preliminari hawn sollevati u fuq il-meritu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi ma huwiex minnhu illi l-incident fatali gara minhabba xi tort, negligenza jew nuqqas ta' osservanza tal-prekawzjonijiet mehtiega da parti tal-konvenuti – kif jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza odjerna;

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

**PROVI U KONSTATAZZJONIJIET**

**Noel Cachia,** Senior Officer fl-Awtorita' tas-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol, xehed dwar x'jirrizultalu meta mar fuq il-post ta' l-incident ma Lawrence Cachia, ufficjal iehor tad-Dipartiment. Hu esebixxa r-rapport li kien ghamel lis-superjuri tieghu fis-16 ta' Marzu, 1999 Dok. a fol. 39.

Hu kien irrapporta li: "On Monday 15.3.99 afternoon, Kevin Grima , an employee of Penza Construction was assigned to load and transport excavator on a long-based low loader on his own. Ground and ramp's longitudinal marks indicate Grima's attempts to drive excavator up loader. **Another particular easily detectable mark caused by over-pressing of tool-tip gives light to the fact that operator intended to force tool for adjusting excavator's position**, because tool is only used for excavation. Road dislevelling could also contribute for the

shearing of one of the two side threaded mechanism of loader and damages in wire ropes. Hydraulic pistons were not fully enclosed".

**Alfred Ciantar,** xhud okulari, xehed li ghandu hanut fejn gara l-incident. Kien hemm JCB ipparkjat quddiemu ezatt u Kevin Grima beda jipprova jtella l-JCB fuq il-*loader* izda ma setghax. Tela' u nizel xi darbtejn biex jindirizzah ezatt fuq il-*loader*. Billi dan ipprova aktar minn darba, kien gibdilu l-attenzjoni. Darba minnhom kif tela' u beda jipprova jiccentrah fuq il-*loader*, il-JCB inqaliblu n-naha tal-ghalqa u hu kien pront hareg jigri mill-kabina u qabez go l-ghalqa u l-JCB hadu f'nofs sidru. Imbaghad mar u refghalu rasu. Grima kien wahdu meta beda jimmanuvra biex itella l-JCB. Lil Kevin Grima rah biss jipprova jtella' l-JCB. Ma rahx jahdem bil-JCB qabel. Il-JCB kien inqaleb meta kien fuq il-*loader* mhux meta kien fuq ir-rampa. Meta tela' fuq il-*loader* Grima beda jipprova jiddrittah u dak il-hin waqa'. Il-JCB ma kellux problema mekkanika. Grima kien qed jipprovva jiccentra l-JCB fuq it-*trolly*. Meta kien fuq il-loader, il-JCB ibbendja u nqaleb.

Illi l**-esperti** nominati mill-Magistrat inkwierenti, Perit Richard Aquilina u Joseph Zammit, li kopji tar-rapporti taghhom gew ezibiti, irrizultalhom li l-incident gara meta Grima kien fuq il-*loader* u pprova jiccentra l-JCB bil-*jib* tal-JCB u ffronta l-musmar ma' l-art. Meta Grima kien tela' fuq il-*loader* parti mill-katina harget 'l barra mill-*platform*. Grima pprova jdahhal l-gaffa f'postha bil-*jib* tal-JCB u kien hawn li Grima tilef il-bilanc tal-gaffa u din mielet ghal fuq il-hajt ghal gol-ghalqa bl-operatur b'kollox (ara para 3 u 4 tal-konkluzzjonijiet ta' Joseph Zammit.) Mill-ezamijiet teknici fuq il-JCB ma jirrizultax li dina kellha xi hsara li biha seta' jissucciedi l-incident (para 7 rapport Joseph Zammit).

## KONSIDERAZZJONIJIET

Minn dawn il-provi, l-Qorti hi tal-fehma li l-incident gara minhabba l-manuvra perikoluza li ghamel Kevin Grima meta kien fuq il-loader bil-gaffa u pprova jiddritta l-gaffa bil-ponta tal-JCB. Din il-manuvra kienet wahda perikoluza

hafna billi meta ghamel hekk hu tilef il-bilanc u l-gaffa inqalbet.

Li Grima kien qed jipprova jiddritta l-gaffa bil-ponta tal-gib jirrizulta mill-provi prodotti. Carmel Penza u Noel Cachia kkonfermaw li fl-art fuq it-*tarmac* kien hemm indikazzjoni cara li l-gib intuzat minn Grima. Dan apparti dak li qalu xi xhieda okulari.

Inoltre jirrizulta li Grima tella l-JCB fuq il-loader b'lura u ghalhekk il-perikolu kien akbar u kellu aktar diffikolta biex jiccentra l-JCB fuq il-*loader*.

Dwar l-i*stud* li nstab maqsum fejn il-*loader*, jirrizulta li l-incident gara mhux meta Grima kien tiela fuq ir-rampa u nkiser l-i*stud* imma meta huwa kien diga qieghed fuq il-*loader* u qed jaghmel il-manuvra minn hemmhekk. Il-JCB ma nqalibx meta Grima kien tiela fuq ir-rampa imma meta Grima kien diga tela' fuq il-*loader* u nqaleb meta ghamel il-manuvra msemmija.

Jigi rilevat li Kevin Grima kien haddiem ta' esperjenza fuq ingenji ta' dana t-tip u kien ilu jsuq dawn it-tipi ta' vetturi diversi snin. Ghalhekk il-konvenuti ma jistghux jigu akkolati b'xi tort ghax forsi ma mpejgawx persuna ta' esperjenza.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li t-tort principali kien ta' Grima li ghamel volutament manuvra perikoluza hafna billi pprovva jiddritta l-JCB fuq il-*loader* bil-*jib* u nqaleb.

Izda l-Qorti ssib ukoll li kien hemm responsabilita' kontributorja da parti tal-konvenuti billi dawn naqsu li jipprovdu lill Grima b' a safe system of work'.

A termini tal-Att biex jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII ta' l-1994, Kap 367, fl-artikolu 3 (2) tal-istess jinghad li:-

"Illi huwa dmir ta' min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn

ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema".

Art.3 (3) "Huwa dmir ukoll ta' min ihaddem li jizgura illi kull process ta' xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista' jigi evitat ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema mpjegati minnu u ta' haddiema impjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur".

Il-principji li jirregolaw ir-responsabilita' ta' sid ta' intrapriza biex ihares is-sahha tal-impjegati tieghu huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza. Fil-kawza Ingliza "Wilsons and Clyde Coql Co. vs English" deciza mill-House of Lords fil-1937, Lord Maugham osserva:

*"In the case of employments involving risk …..it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant, appliances, and works; secondly to select proper skilled persons to manage and superintend the business and thirdly to provide a proper system of working."*

Fil-kawza "Grech vs Ellul", deciza mill- P.A. fis-27 ta' Gunju, 1996, intqal:

*"It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work*."

Illi jirrizulta mill-provi li Kevin Grima dak in nhar kien wahdu meta gie biex ighabbi ngenju ta' dak il-kobor fuq il-*low loader* u ma kellu lil hadd biex jghinu. Inoltre l-JCB li kien qed juza Grima ma kellhiex kabina biex tipprotegi lil min ikun qed jahdem biha. Kellha biss erba' bicciet *pipe* u bicca drapp flok saqaf.

Nuqqas ta' ghajnuna minn haddiema ohra li jkunu nkarigati biex jahdmu ma' persuna fuq lant tax-xoghol

huwa fattur li gie kunsidrat mill-Qorti bhala element li ma jikkostitwix *a safe system of work*. (Ara Schembri vs Caurana deciza mill-Qorti tal-Kummerc fit-12 ta' Jannar, 1983).

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li anke l-konvenuti kellhom parti mit-tort izda mentri Kevin Grima kellu zewg terzi mit-tort ghall-incident, il-konvenuti kellhom terz.

**Danni**

L-atturi mexxew b'dina l-kawza bhala eredi ta' Kevin Grima li miet f'dan l-accident bla testment (ara fol. 16). Fil-kaz ta' mewt huma l-eredi li jsofru l-hsara minhabba l-offiza personali kagunata mill-agir doluz jew kolpuz ta' haddiehor (Ara sentenza  App Cini vs Galea 27/10/58).

Carmel Grima missier Kevin, li hu separat minn martu Pauline xehed li Kevin kien konstantement jghin il-familja finanzjarjament. Tul l-ahhar xhur, lilu, kien jaghtih daqqa Lm 30 u daqqa Lm20 .

Pauline Grima xehdet li r-ragel taghha jghix ma' mara ohra. Hi batuta finanzjarjament billi separata mir-ragel u ilha hekk tmintax il-sena. Kevin kien speci ta' *replacement* ghal zewgha. Kevin kien jghinha finanzjarjamenmt u li kien jaqla' mix-xoghol, parti sostanzjali minnu kien jaghtih lill-familja tieghu. Hu kien sa certu punt il-*breadwinner* tal-familja.  Hu kien ser jizzewweg. Kellu post izda ma kienx ghadu lest imma kien qed jahdem fih.  Hi kienet tahdem il-Mellieha Bay Hotel.

Sharon Scuderi, oht Kevin xehdet li Kevin kien jaghtiha flus u kien jghin lil ommu. Meta miet Kevin ir-ragel taghha kien jahdem. Hi kienet tahdem ukoll. Illum ma tahdimx. Ghandha tifla. Kevin kellu tfajla u kellu post u kien se jibda jahseb biex jirrangah.

Clyde Grima, hu Kevin, xehed li Kevin kien jghinu meta jkollu diffikoltajiet finanzjarji. Kien jarah jghin lil ommu u lill-ohtu.  Hu ilu jahdem minn meta kellu 16. Kevin kien jaghtih flus biex johrog.

## DAMNUM EMERGENS

Bhala *damnum emergens* l-atturi m'huma qed jitolbu xejn. Fil-fatt ma gew ezibiti ebda ricevuta ta' xi pagamenti li ghamlu.

## LUCRUM CESSANS

Kwantu ghall-lucrum cessans, jirrizulta li Kevin Grima twieled fil-1973. Fid-data ta' l-incident huwa kellu 26 sena. Hu kien impjegat mal-konvenuti u kien jaqla' paga minima. Issemma li kien jaghmel xi *part-time* izda dana ma giex kwantifikat.

Bhala *multiplier*, billi Grima kellu 26 sena, il-Qorti ser tiehu *multiplier* ta' 30 sena. Hija l-prassi li *multiplier* jigi aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettativa iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva, tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari inkluz ic-*changes and chances* tal-hajja; b'dan li l-Qorti ma hiex marbuta ma xi massimu prestabbilit u lanqas li trid taghtih iz-zmien kollu sakemm jiehu l-pensjoni, imma taghti numru ta' "years purchase". (App Bugeja vs Agius 26/7/91).

Bhala paga bazi l-Qorti ser tiehu salarju ta' Lm60 fil-gimgha bazata fuq paga minima nazzjonali.

Dwar il-kwistjoni tad-*dependency* il-Qorti tirrileva li Kevin Grima kien guvni u kien jghix ma' ommu u huh Clyde. Missieru ilu separat tmintax il-sena u jghix ma mara ohra. Oht Kevin hija mizzewga u tghix ghal rasha u ghandha r-ragel li jahdem ghaliha. Inotlre jirrizulta li Kevin Grima kellu tfajla u kien bi hsiebu jizzewweg. Kellu post u kien ser jibda jirrangah biex jizzewweg. Kellu wkoll xi dejn li kien ghamel kif jirrizulta mid-dokumenti ezibiti.

Minn dan johrog li hemm differenza f'sitwazzjoni fejn ghandek mewt ta' kap ta' familja li minnu din tkun

tiddependi finanzjarjament direttament, u sitwazzjoni fejn invece ghandek membru ta' familja li jghix ma' ommu u huh, liema persuna kien sejjer jiehu l-istat tieghu u jmur ighix ghal rasu. Dan jinfluwixxi fuq it-tnaqqis li l-Qorti ser taghmel. (ara sentenza Meli vs Cachia PA AJM 21/11/94).

Dwar il-kwistjoni tal- *consumption*, il-Qorti hi tal-fehma li ghandu jkun hemm, skond il-gurisprudenza kostanti f'kaziijiet bhal dawn, tnaqqis ta' 25% bhala rata ta' konsum misthajjel li l-vittma kienet "tiekol" jew "tonfoq" mill-kapital likwidat kieku baqghet hajja.

Kwantu ghal tnaqqis ghall-*lump sum payment* il-Qorti taqbel li minhabba t-trapass taz-zmien (1999 incident - 2004 sentenza prima istanza) ghandu jkun hemm tnaqqis biss ta' 10%. Fil-kawza Caruana vs Camilleri PA JSP 5/10/93 u PA Desira vs Cassar 13/1/95 l-persentagg ta' 20% ghall-*lump sum payment* kien gie ridott b'rata ta' 2% kull sena mid-data ta' l-incident.

**Kalkolu**

30 (Multiplier) x Lm 60 (paga) x 52 (gimgha) = Lm93,600

| | |
|---|---|
| Zewg terzi tort | Lm31,200 |
| Tnaqqis terz minhabba *partial dependency* | Lm20,800 |
| Tnaqqis 25% *Consumption* | Lm15,600 |
| Tnaqqis 10% *lump sum payment* | Lm14,040 |

Ghalhekk l-ammont finali u globali ta' danni huwa fis-somma ta' Lm14,040.

Finalment il-konvenut Carmelo Penza personalment ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi personalment hu ma kellux relazzjoni guridika ma Kevin Grima.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tillibera lill-konvenut Carmelo Penza personalment mill-osservanza tal-gudizzju;
tiddikjara li l-incident gara zewg terzi tort ta' Kevin Grima u terz tort tal-konvenuti;
tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba l-mewt ta' l-imsemmi Kevin Grima fl-ammont ta' erbatax il-elf u erbghin lira Maltin (Lm14,040);
tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi msemmija d-danni kollha hekk likwidati;
Bl-imghax mid-data tas-sentenza sa l-eventwali pagament;
Bl-ispejjez kwantu ghal zewg terzi ghall-atturi u terz ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------